jn il-Katidral ta' Għawdex, fil-Kastell. Dan il-post mingħajr dawl elettriku u mingħajr ilma, kien żgħir u wisq skomdu għalihom, u ġara li wara marru f'post ieħor akbar u aħjar f'Nru. 40A, Triq Putirjal, ir-Rabat. Ta' min jgħid li Ugo (l-eks President ta' Malta), kien fl-1942 għamel il-prietka tal-Milied tat-tifel fil-Knisja ta' Pompej, ir-Rabat, u sena wara għamilha Peter Serraccino Inglott (li aktar tard laħaq Rettur tal-Universita`".

Fost il-persuni prominenti oħrajn li jissemmew f'dan il-ktieb insemmu lil Mro. Vincenzo Bugeja li jibqa; magħruf għal kontribut mużikali tiegħu speċjalment lil Marija Bambina; il-pittur Ġużeppi Briffa li fil-gwerra pitter is-saqaf tal-Knijsa ta' Kerċem; is-sur John Bonnici li skolpixxa xi disinji fini u sbieħ fis-Santwarju Ta' Pinu, Goachino Delia, u oħrajn. Dawn ser inħallihom għall-kurżità tal-qarrejja, fosthom, x'sehem kellu il-komiku Johnny Navaro fil-Victory Kitchen?

Kif wieħed jista' jimmaġina, bħalma ġara fil-gżira Maltija l-ekonomija s-sewda kompliet tinfirex anke kawża tal-istess nuqqasijiet. Minkejja dan li għidna dwar l-attivita' ekonomika f'Għawdex u kif b'xi mod xi wħud komplew idawru r-rota ekonomika, Għawdex ukoll kellu t-traġedji tiegħu. Xi wħud sofrew il-ġuħ, speċjalment dawk li ma kellhomx ir-raba'.

Interessanti ħafna l-aspett tal-lingwa. Alfred Massa fl-artiklu tiegħu fil-ġurnal l-Orizzont tat-2 ta' lulju 2020, p.13 jgħid hekk:

"Peress li fostna dak iż-żmien it-Taljan kien għad

kellu għeruq sodi, l-Ingliżi għamlu li setgħu biex jeqirduh u postu jieħdu l-Ingliż. Sadattant,

b'xorti tajba, ngħid jien, f'Ottubru 1940 ġewwa n-Nadur is-Sur Kelinu Vella Haber waqqaf Ix- Xirka għat-Tixrid tal-Ilsien Malti. Fil-31 ta' Jannar 1941 daħlet f'Għawdex is-sistema tar-

Rediffusion li baqgħet ħajja għal snin twal. Din għenet kemm il-lingwa Ingliża kif ukoll dik

Maltija. Barra milli dan isservizz ta lill-poplu tal-gżejjer tagħna informazzjoni għen ukoll fil-

qasam edukattiv u sa ċertu punt anki reliġjuż."

## Tagħrif uniku

Diġà semmejt li ħafna mis-sorsi ta' dan il-ktieb huma l-esperjenza diretta ta' persuni li għadhom jiftakru l-gwerra. Dawk li għamel ibnu Charles imbagħad ikompli jagħti ħafna valur lil dan il-ktieb b'riċerka estensiva fl-Arkivji Nazzjonali t'Għawdex fost oħrajn.

Dan jagħmel dan il-ktieb wieħed uniku li jista' jwassal b'awtorita' din ir-riċerka vasta u jimla l-vojt li kien hemm minn dan il-lat.

Fost l-espisodji li laqtuni ħafna nsemmi l-homeguard li ma twaqfitx fil-bidu tal-gwerra u jsemmi fost oħrajn kif bdiewa kienu mhejjijin biex hekk kif jinżel xi bniedem bil-parashute imorru għalih. L-attakki wara l-1942 ma waqfux. Laqatni ferm ir-rakkont ta' kif is-sorijiet tal-klawsura minn Malta ttieħdu għall-kenn f'Għawdex, fejn laqagħhom, personalment, l-Isqof

Gonzi.

## Konklużjoni

Dan il-ktieb fih 602 paġni, 100 paġna oħra ritratti, u madwar 1850 referenza. In-numru ta' referenzi u anke ritratti huma biżżejjed biex wieħed jifhem x'xogħol tajjeb għandna f'idejna. Umilment ngħid li dan l-artiklu ma jagħmilx ġustizzja ma' dan il-ktieb b'riċerka unika dwar it-tieni gwerra dinija.

Iżda Charles Bezzina, bħala awtur kellu l-ħila li jibqa' leali lejn is-sorsi mix-xogħlijiet ta' missieru u jwassalhom b'mod mexxej ħafna, konsistenzi bi preżentazzjoni professjonali mmens.

Dan huwa ktieb li nħeġġeġ li wieħed jakkwista. Mhuwiex ktieb kwalunkwe u ċertament qed jitkellem dwar episodju ta' importanza enormi fl-istorja ta' pajjiżna. Huwa ktieb li ser jagħti valur lill-libreriji tagħna, anke dawk fid-djar tagħna.

## Tarċisju Zarb – Studji Kritiċi, L-ewwel Volum minn Andrew Sciberras

Tarcisju Zarb huwa edukatur, awtur u kritiku li jolqotni personalment dwar il-mod kif iħaddem il-Malti bl-aktar mod kreattiv, b'tiżwiqa ta' kliem minsuġ b'tant ħila, logħob bil-ħsejjes fonetiċi u anke b'użu tad-djalett partikolarment dak Karkariż. Zarb iżda huwa wkoll kritiku u ċertament li ser jibqa' magħruf għar-reqqa li biha janalizza x-xogħlijiet b'riflessjonijiet imsawra kemm mill-ħsieb, l-ilsien u anke bi sfont filosofiku u soċjali. Fost l-awturi li Zarb analizza x-xogħlijiet tagħhom u li nsibu ppreżentati f'dan il-ktieb insibu lil Mario Azzopardi, Jonathan Balzan, Charles Bezzina, Ġorġ Borg, Louis Briffa, Carmel Calleja, Melanie Camilleri, Carmel G. Cauchi, Victor Fenech, Oliver Friggieri, Gioele Galea, Raymond C. Grech, Alfred Massa, Daniel Massa, Charles Mifsud, Achille Mizzi, George Peresso, W.J. Psaila, Andrew Sciberras, Philip Sciberras, Jesmond Sharples u Marjanu Vella. Dawn issa huma ppreżentati f'dan il-ktieb u dan mhux biss sabiex ikollna x-xogħlijiet ta' Tarcisju Zarb miġbura jew sabiex insiru nafu ftit lill-awturi msemmija - dawn ukoll huma raġunijiet important – imma wkoll għaliex il-ħsieb kritiku-analitiku huwa għodda ewlenija u ta' ħtieġa kbira f'dawn iż-żminijiet fejn il-qoxra tal-wiċċ mhux qiegħda tagħti biżżejjed ħin biex wieħed iħares taħt il-wiċċ ta' kitbiet varji.

Andrew Sciberras qed jagħti kontribut enormi fil-qasam tal-kitba kitba Maltija fl-aspetti varji tagħha, b'mod speċjali f'dawk li għandhom x'jaqsmu mal-letteratura u l-analiżi tagħha. Dan tiegħu huwa perkors uniku, għaliex f'ħidma kontinwa u mingħajr ma jitlob xejn lura, huwa jara kif jagħmel kif jivvalorizza personalitajiet distinti fil-qasam tal-kitba. Poeta, u awtur prolifiku huwa nnifsu, għal dawn l-aħħar snin huwa għadda biex jiddivulga – ixerred – kitbiet ta'




xeħta kritika-analitika varja, kif ukoll kitbiet ta' letteratura li titob ċertu impenn, bilgħan li jwassal dawn il-kitbiet lil dawk li fi żmienna jeħtiġuhom, japprezzawhom, u huma wkoll parti intrinsika mill-kisbiet intellettwali ta' pajjiżna. F'dan l-itinerar tiegħu, għaldaqstant huwa jlaqqagħna ma' personalitajiet varji fosthom Oliver Friggieri, Mario Azzopardi, Charles Briffa, Achille Mizzi, u oħrajn. Huwa ma jiqafx sempliċiment fil-ġbir u l-għażliet li huwa jagħmel b'ħila u bi preċiżjoni, imma jagħraf ukoll kif isawwar impaġnar ta' kotba li jagħmlu ġieħ lill-istandard tal-ktieb Malti. Mhux l-ewwel darba li dawn il-kotba dehru f'din il-paġna.

Waħdu, jew flimkien ma' oħrajn, fost kotba oħra, Andrew Sciberras ħareġ dawn il-kotba:

Il-Vjaġġ Poetiku, El Duende, Studji Dwar il-Poeżija Moderna, Amor Fati, Titwila mit-Tieqa ta' Ruħhom, L-Aħħar Battuti (1998-2020), Carmel Attard – Poeżiji – Studji – Intervisti, Awtoskatti, Fraġli, Mario Azzopardi – Le Poète, Bil-Kliem Żvinat Ġo Ħoġri – L-Esperjenza tal-Misteru fil-poeżija ta' Joe P. Galea, Achille Mizzi – Il-Werriet u s-Suċċċessur Denn ta' Dun Karm, Poeti Kontemporanji Mgħoddija mill-Għarbiel, Daniel Massa – Poeżiji u Studji, Ġenesi ta' Achille Mizzi (Editur), Solitudnijiet Imkenna fil-Poeżija ta' Oliver Friġġieri – Tarċisju Zarb (Editur), Il-Poeżija Maltija – It-Tieni Volum (Editur), Oliver Friggieri – L-Istudji Poetiċi (1989-2019).

Bħala persuni li għandna għal qalbna l-letteratura Maltija, naħseb għandna għax inkunu rikonoxxenti lejn dan l-awtur li qed jidħol hu personalment biex minn flusu, jasal biex joħroġ kotba, anke jekk minnhom m'hemmx qligħ, imma li huwa jemmen, li huma ta' ħtieġa kbira biex jissawwar l-ethos akkademiku-intellettwali ta' gżiritna.

## Aħbarijiet Letterarji

B'diqa smajna li minħabba ċ-ċirkostanzi mhux sbieħ li għaddejjin minnhom minħabba l-Covid-19, kellu jitħassar il-ħmistax-il edizzjoni tal-Festival Mediterranju tal-Letteratura ta' Malta.

L-awturi li mistiedna għall-edizzjoni ta' dan il-Festival huma Miriam Calleja (Malta), Jan Carson (l-Irlanda), Leanne Ellul (Malta), Itisha Giri (in-Nepal/Spanja) u John Portelli (Malta). Iż-żewġ bands mistiedna huma Dominic Galea Jazztet li se jdoqqu flimkien mal-poeżija ta' Adrian Grima u Kym.

Jiena naf kemm xogħol isir bi tħejjija għal dan il-Festival, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam ma' traduzzjoni tax-xogħlijiet. Fil-festival ingawdu wkoll xi xogħlijiet bl-ilsna oriġinali u hekk niggustaw il-ħoss tal-lingwa.

Fl-istess ħin napprezzaw id-deċiżjoni iebsa li ħadu l-organizzaturi ta' dan il-Festival fejn taw prijorita' assoluta sa mill-bidu nett lis-saħħa tagħna. Inħeġġeġ li jibqgħu nżommu aġġornati mal-paġna tal-Facebook ta' Inizjamed (www.facebook.com/inizjamed), l-attivitá "Festival Mediterranju tal-Letteratura 2020" fuq Facebook, u fuq is-sit inizjamed.org.